**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**F'l-atti tar-Rikors Numru 699/2023/2DC**

***Betway Limited (C397101)***
***vs***
***Michael Lang***
***Detentur tal-passaport Awstrijak numru P7311629***
***debitament rappreżentat mill-mandatarja speċjali tiegħu***
***l-Avv Dr Sarah Sultana***

**DEGRIET KAMERALI**

Illum, 29 ta' Novembru 2023

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors b'urġenza[1] tas-soċjeta Betway Limited[2] preżentat f'l-4 ta' Lulju 2023, permezz ta' liema għar-raġunijiet hemm premessi talbet lill-Qorti:

> *Tipproċedi a tenur tar-Regolament 44 tar-Regolamenti 1215/2012 billi tissospendi l-eżekuzzjoni tas-sentenza mertu ta din l-azzjoni pendenti l-cżitu tal-istess u/jew tipprovdi altrimenti a tenur tar-Regolament 44 ta'l-istess Regolamenti 1215/2012.*

Rat id-digriet mgħoti fit-13 ta' Lulju 2023 permezz ta' liema ordnat in-notifika tar-rikors lill-kontroparti bi żmien gimgħatejn għar-risposta.

Rat ir-risposta ta' Michael Lang[3] (kif rappreżentat mill-Avv Dr Sarah Sultana), risposta preżentata fis-27 ta' Novembru 2023[4], f' liema risposta l-

[1] Ai fini ta' dan id-degriet imsejjaħ "ir-rikors odjern"; ir-rikors qiegħed a fol 48 ta'l-atti tal-kawża f'istess ismijiet.
[2] Ai fini ta' dan id-degriet imsejħa "is-soċjeta rikorrenti".
[3] Ai fini ta' dan id-degriet imsejjaħ "l-intimat".
[4] A fol 60.

intimat ikkonkluda jgħid li, mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni tiegħu dwar l-esekuzzjoni tas-sentenzi li hija ottjeniet mill-qrati kompetenti f'l-Awstrija,

> *m'għandu l-ebda oġġezzjoni illi sakemm ikun hemm eżitu finali bejn il-partijiet tal-proċeduri ta' rifjut intavolati ai termini tar-Regolament (Rikors Numru 699/2023 DC), tiġi sospiża l-eżekuzzjoni tas-sentenza li għandu fa vurih l-esponenti Michael Lang, fis-sens illi l-esponenti ma jkunx jista' jiżbanka il-flus li hemm depożitati fil-Qorti fiċ-ċedola numru 1716/2023. Daqstant iċħor ma tistax is-soċjeta rikorrenti tieħu lura l-flus depożitati fil-Qorti fil-pendenza tal-istess proċeduri.*

Rat l-atti tar-rikors odjern.

Rat l-atti proċesswali.

Ikkunsidrat

Illi l-fatti fil-qosor li wasslu għall-proċeduri odjerni huma s-segwenti:

- Permezz ta' sentenza mgħotija fl-20 ta' Diċembru 2022 mill-qorti ċivili f'l-Awstrija[5], is-soċjeta rikorrenti ġiet ikkundannata tħallas lill-intimat s-somma ta' €62,444.99 oltre imgħax u spejjez legali.
- Fit-13 ta' Ġunju 2023 l-intimat interpella lis-soċjeta rikorrenti tħallas l-ammonti fuq imsemmija, dan permezz ta' ittra uffiċjali; jidher li l-ħlas ma sarx.
- F'l-4 ta' Lulju 2023 is-soċjeta rikorrenti preżentat rikors quddiem din il-Qorti permezz ta' liema qed titlob ir-rifjut ta' rikonoxximent u ta'l-eżekuzzjoni tas-sentenzi fuq imsemmija ai termini ta'l-artikoli 45 u 46 tar-Regolament 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (riformulazzjoni) u cioe r-Regolament (UE) 1215/2012[6]. Is-soċjeta rikorrenti tikkontendi li r-rikonoxximent tas-sentenza għandha tiġi rifjutata a bażi ta'l-artikolu 45(1)(a) tar-Regolament u cioe għax dak ir-rikonoxximent huwa manifestament kontra l-istrateġija pubblika (*ordre public*) ta'l-Istat Malti.

[5] Linz Regional Court.
[6] Ai fini ta' dan id-degriet imsejjaħ "ir-Regolament".

- Fit-2 ta' Awwissu 2023 l-intimat ottjena l-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv kontra s-soċjeta rikorrenti, mandat numru 1359/23 għall-kreditu kanoniżżat.
- In eżekuzzjoni tal-mandat fuq imsemmi, fil-21 ta' Awwissu 2023, il-Bank of Valletta plc iddepożita s-somma ta' €77,333.22 fir-reġistru ta' din il-Qorti.
- Fit-12 ta' Settembru 2023, in vista tad-depożitu li sar mill-Bank of Valletta, is-soċjeta rikorrenti ottjeniet kontromandat għall-mandat ta' sekwestru fuq imsemmi.

Illi permezz tal-proċeduri odjerni s-soċjeta rikorrenti qed tfittex rimedju proviżorju ai termini ta'l-artikolu 44(1)(ċ) tar-Regolament. Dan jipprovdi hekk:

> *Fil-każ ta' talba għal rifjut tal-eżekuzzjoni ta' sentenza skont is-SubTaqsima 2 tat-Taqsima 3, il-Qorti fl-Istat Membru indirizzat tista', fuq it-talba tal-persuna li kontriha qed tintalab l-eżekuzzjoni:*
>
> *(a) tillimita l-proċedimenti tal-eżekuzzjoni għal miżuri kawtolatorji;*
>
> *(b) tissoġġetta l-eżekuzzjoni għall-għoti ta' garanzija li hi tistabbilixxi; jew*
>
> ***(c) tissospendi l-proċedimenti tal-eżekuzzjoni kollha kemm huma jew ta' parti minnhom****.*

Illi kif intqal l-intimat, mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni tagħha fil-kawża permezz ta' liema s-soċjeta rikorrenti qed tikkontesta l-enforzar f'Malta tas-sentenzi li kkanoniżżaw lill-intimat kreditur tagħha, m'għandhux oġġezzjoni li l-eżekuzzjoni tas-sentenza li huwa ottjena tiġi sospiża sakemm tiġi finalment deċiża l-kawża tentata mis-soċjeta rikorrenti. L-intimat lanqas m'għandu oġġezzjoni li kwalunkwe flus depożitati l-Qorti in forza ta'l-imsemmi mandat jibqgħu hekk depożitati ukoll sakemm tiġi deċiza l-istess kawża.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta u tiddeciedi billi **tilqa' t-talba** tas-soċjeta rikorrenti in kwantu qed tordna li hadd mill-kontendenti m'għandu jiżbanka l-ammont ta' €77,333.22 depożitat fir-reġstru ta' din il-Qorti permezz taċ-ċedola numru 1716/2023 sakemm il-kawża numru 699/2023DC f'l-ismijiet *Betway Limited (C397101) vs Michael Lang Detentur tal-passaport*

*Awstrijak numru P7311629 debitament rappreżentat mill-mandatarja speċjali tiegħu l-Avv Dr Sarah Sultana* tinqata' b'mod definittiv.

Spejjez ta' dawn il-proċeduri riżervati għall-ġudizzju finali.

Kopja ta' dan id-digriet għandu jiġi notifikat elettronikament lil Dr Philip Magri u Dr Sarah Sultana.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REĠISTRATUR**